MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009

Numru. 1021/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**Salvatore Formosa**
**Mark Buttigieg u**
**Paul Buttigieg**

Kumpilazzjoni Numru: 1021/2008

Illum, 19 ta’ Ottubru 2009,

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Salvatore Formosa**, ta’ 42 sena, iben Carmel u Rita nee’ Barbara, imwieled Tarxien, fit-18 ta’ Jannar, 1956 u joqghod fil-fond Flat 20, Triq il-Gilju, Zabbar, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 77156(M),

**Mark Buttigieg**, ta’ 23 sena, iben Paul u Marija nee’ Schembri, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ Frar, 1985 u joqghod Paulmar, Triq tal-Labour, Zabbar u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 124085(M) u

**Paul Buttigieg**, ta’ 28 sena, iben Paul u Maria nee’ Schembri, imwieled San Giljan, fil-21 ta’ Mejju, 1980 u joqghod Paulmar, Triq tal-Labour, Zabbar u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 276480(M)

Akkuzati talli fid-9 ta’ Jannar, 2006, ghal habta ta’ 11:30pm u hinijiet wara waqt li kienu fi Triq Haz Zabbar, Fgura b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti fil-waqt li kellhom il-kontroll tal-vettura bin-numru DBY 346 ta’ l-ghamla Leyland u vettura bin-numru FBY 679 ta’ ghamla King Long ikkagunaw il-mewt ta’ Paul Buttigieg skond kif iccertifika Dr.Konrad Borg MD Reg Numru 2631 mill-isptar San Luqa.

Rat l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw incident sfortunat li sehh nhar id-9 ta’ Jannar 2006 fi Triq Haz-Zabbar il-Fgura, u li fih tilef hajtu Paul Buttigieg.

Illi dak in-nhar gara li Salvatore Formosa (wiehed mill-imputati) kien qed isuq xarabank propjeta tad-decujus meta din zvillupat xi hsara. Huwa informa lid-decujus li mar fuq il-post flimkien ma’ ibnu Mark Buttigieg (wiehed mill-imputati); ma rnexxielhomx jirrangaw ix-xarabank ghalhekk id-decujus u ibnu marru lura biex igiebu xarabank ohra biex biha jirmunkaw dik li kienet wieqfa; Formosa baqa’ fuq il-post.

Illi d-decujus wasal lura fejn kien hemm ix-xarabank il-wieqfa; mieghu din id-darba kien hemm mhux biss ibnu Mark imma ibnu iehor li jismu Paul (ukoll imputat f’dawn il-proceduri). Ipparkjaw xarabank wahhda wara l-ohra u bdew jghaddu arja mis-sistema tax-xarabank li kienu ghadhom kif gabu ghas-sistema tax-xarabank li kellha l-hsara. F’xi hin waqt din l-operazzjoni wahda mix-xarabanks bdiet miexja l-isfel u giet tistrih ma’ l-ohra; li gara pero kien li Paul Buttigieg (il-missier) nqabad u tghaffeg bejniethom. Buttigieg miet bhala konsegwenza tal-griehi lil garrab.

Illi xhieda fil-kors ta’ dawn il-proceduri ftit li xejn gew prodotti. L-ufficjal prosekutur ma kienx l-ufficjal li nvestiga l-kaz u ghalhekk ma kellu l-ebda informazzjoni; min-naha l-ohra l-ufficjal li kien investiga l-kaz (illum m’ghadux fil-korp) ghalkemm tressaq bhala xhud ma ftakarx wisq dettalji. Iz-zewg xhieda l-ohra prodotti kienu l-pulizija li ha r-rapport u wiehed mill-esperti nominati f’l-inkjesta. L-imputati ma xehedux f’dawn il-proceduri imma kienu taw d-depozizzjoni taghhom waqt l-inkjesta; il-proces verbal relattiv gie esebiet f’l-atti tal-proceduri odjerni.

Illi d-difieza qajjmet diversi punti rigward dan il-process verbal u dwar l-inammissibilita tad-depozizzjoni tat-tlett imputati. Id-difieza ilmentat dwar il-fatt li ma setghax jigi nominat espert sempliciment biex jigbor ix-xhieda u rreferiet ghad-dubbju dwar il-persuna li fil-fatt giet nominata ghal dan il-ghan u cioe hux Dr Joseph Micallef Stafrace jew Dr Yana Micallef Stafrace.

Illi dwar dan l-ahhar punt il-Qorti tirrileva li isem Dr Yana Micallef Stafrace jidher fir-rapport ta’l-incident (fol 34 tal-

process) u fid-degriet dattilografat tal-Magistrat (fol 41 tal-process). Fid-degriet a fol 40 tal-process minn-naha l-ohra jidher isem Dr Joseph Micallef Stafrace. Tenut kont li fir-rapport ta'l-Ispettur Malcolm Spiteri hemm isem Dr Yana Micallef Stafrace bhala wahda mill-esperti nonimati u tenut kont tal-fatt li l-Ispettur jiehu struzzjonijiet verbali minghand il-Magistrat Inkwirenti a tempo vergine fil-waqt li d-degriet jigi redatt bil-miktub aktar tard din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-espert nominat fil-fatt kienet Dr Yana Micallef Stafrace u li hemm zball fid-degriet a fol 40 tal-process.

Illi skond l-artikolu 548 tal-Kodici Kriminali *ebda espert ma ghandu jinhatar biss sabiex jisma' x-xhieda bil-gurament u jiehu x-xiehda taghhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti*. L-iskop tan-nomina ta' Dr Micallef Stafrace pero ma kienx ghas-smiegh tax-xhieda; hija giet nominata bhala espert tat-traffiku u din in-nomina hija permessa u taqa' fit-termini ta' l-imsemmi artikolu 548. Konsegwentement ir-rapport in kwantu redatt minn espert tat-traffiku huwa ammissibbli.

Illi l-istess pero ma jistax jinghad ghad-depozizzjoni tat-tlett imputati fil-kors ta'l-inkjesta.

Illi Paul Buttigieg xehed darba; id-depozizzjoni tieghu tidher a tergo ta' fol 128 et seq tal-process. Qari ta' din id-depozizzjoni juri car li huwa inghata il-gurament pero ma nghatax it-twissija dwar id-dritt tieghu li ma jghid xejn li jista' jinkriminah. Mark Buttigieg xehed darbtejn; l-ewwel depozizzjoni tieghu tidher a fol 138 tal-process u t-tieni depozizzjoni tidher a fol 133 tal-process. Dan inghata it-twissija qabel it-tieni depozizzjoni tieghu biss u mhux qabel l-ewwel wahda ukoll. Salvatore Formosa xehed darba biss; huwa inghata t-twissija skond il-Ligi (ref depozizzjoni a tergo ta' fol 131 tal-process).

Illi ghalhekk ammissibbli bhala provi hija d-depozizzjoni ta' Salvatore Formosa u t-tieni depozizzjoni ta' Mark Buttigieg.

Illi l-inammissibilita tad-depozizzjoni ta’ Paul Buttigieg u l-ewwel depozizzjoni ta’ Mark Buttigieg ghandha effetti ohra apparti l-fatt li din l-Qorti ma tistax tohodhom in konsiderazzjoni. Jirrizulta minn qari tar-rapport taghha li Dr Yana Micallef Stafrace waslet ghall-konkluzzjonijiet taghha fuq dak li qalu t-tlett imputati kollha u m’hemmx distinzjoni ghal dak li jirrigwarda l-konkluzzjonijiet taghha bejn dak li jghid wiehed u dak li jghid l-iehor. L-istess jista jinghad ghall-espert Joseph Zammit. Dan, minkejja li ghamel diversi kostatazzjonjiet fattwali mill-ezami taz-zewg vetturi u l-appart li kien qed jintuza biex tigi trasferita l-arja, ukoll ma jaghmilx distinzjoni a bazi ta’ liema fattur partikolari jew ta’ liema xhiedha partikolari qed jasal ghall-konkluzzjonijet tieghu. Ghalhekk il-konkluzzjonijiet li waslu ghalihom dawn iz-zewg esperti, in kwantu bazati (almenu in parti) fuq xhieda inammissibbli huma ukoll inammissibbli.

Illi ghalhekk l-unika xhiedha relevanti li tista’ tistrih fuqha l-Qorti hija d-depozizzjoni ta’ Salvatore Muscat u t-tieni depozizzjoni ta’ Mark Buttigieg. Minn dawn iz-zewg depozizzjonijiet il-Qorti mhiex qeghda f’pozizzjoni li tasal ghal konkluzzjoni dwar min kien qed imexxi l-operazzjoni, minn naqas li jtella’ l-handbreak meta kien rikjest li dan jittella’, jew adirittura kienx hemm xi hadd li kellu l-ingarigu jew li assuma r-responsabbilta li jiehu hsieb li jtella l-handbreak fil-hin propizju.

Illi konsegwentement ma jirrizultawx dawk il-provi sal-grad rikjest mill-Ligi li permezz taghhom l-Qorti tista’ ssib lill-imputati jew min minnhom responsabbli ghall-incident in kwistjoni u kwindi ghall-mewt ta’ Paul Buttigieg.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma sssibx lill-impuati hatja ta’ l-imputazjoni migjuba kontra taghhom u tilliberahom minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------